MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-7 ta' April, 2008

Talba Numru. 54/2006

**U.C.I.M. Co Ltd. (C34235)**

**Vs**

**Nazzareno k/a Reno Cassar ID No : 28670(M)**
**u Michelle Cassar Pisani ID No : 194770(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta’ Jannar, 2006 fejn gie premess illi s-somma mitluba tirraprezenta prezz ta’ xogholijiet ezegwiti mis-socjeta` attrici fuq il-vettura tal-marka “Fiat Brava” (Reg No IBI – 157) favur il-konvenut u fuq ordni ta’ l-istess konvenut, u dana skond l-annessa job card (No. 601242) immarkata Dok A.

Minkejja li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi, anke permezz ta’ ittra legali tal-25 ta’ Mejju 2005 (kopja taghha

hawn annessa u mmarkata Dok B) kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali tal-1 ta' Novembru, 2005 ipprezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok C) huma baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez ta' l-ittra legali tal-25 ta' Mejju 2005 u ta' l-ittra ufficcjali tal-1 ta' Novembru 2005 u bl-imghax legali dekorribbli mid-data fl-annessa job card, sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tat-30 ta' Marzu, 2006, fejn gie eccepit illi t-talba attrici hija kontestata stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici ghar-ragunijiet segwenti : (1) ix-xogholijiet ta' riparazzjoni saru fuq parti mill-magna tal-karozza li kienet koperta b'garanzija kummercjali skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet nhar it-8 ta' Dicembru 2004, (2) tali tiswijiet kienu mehtiega stante li l-vettura de quo kienet kolpita minn difett ai termini ta' l-artikolu 60 tal-Kap 378 u/jew ma kinitx in konformita ma' l-ispecifikazzjonijiet imsemmija fil-kuntratt u b'hekk ma kinitx tajba ghall-uzu li ghalih kienet intiza ai termini ta' l-artikolu 73 tal-Kap 378, (3) fi kwalunkwe kaz it-tiswija maghmula mis-socjeta` attrici saret bhala riparazzjoni lill-konvenut ai termini ta' l-artikolu 74 u 75 tal-Kap 378 u ghalhekk qua azzjoni riparativa saret mis-socjeta` attrici minghajr obbligu ta' hlas ghall-istess tiswijiet da parte tal-konvenut ai termini ta' l-artikolu 76 tal-kap 328 (4) salv risposti ulterjuri.

Sema` x-xhiedha kollha prodotti.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra :

Illi essenzjalment din il-pendenza tirrigwarda talba tas-socjeta` attrici ghal hlas ta' seba` mija u sitta u sebghin Euros u tlieta u tletin Euro cents (€776.33) minn ghand il-konvenut, rapprezentanti prezz ta' xogholijiet fuq il-vettura

ta’ l-istess konvenut – li minn naha tieghu jichad li ghandu jhallas stante illi dawk ix-xogholijiet kellhom ikunu koperti bil-garanzija u l-Artikoli 60,73,74 75 u 76 tal-Kap 378 msemmija fid-difiza tieghu ghat-talba attrici.

Fil-qosor, il-versjoni tas-socjeta` attrici hija spjegata fost ohrajn minn Vincent Sladden (10.10.06) li xehed illi s-somma pretiza tirrapprezenta xogholijiet maghmula fuq il-vettura tal-konvenut, xogholijiet awtorizzati mill-istess konvenuti – izda meta tlestiet il-konvenuti ha l-vettura u ma hallasx. Jirreferi ghad-dokument a fol 3 tal-process bhala l-job card u jispjega illi hija ffirmata mill-klijenta “*firma li tkun saret qabel ma jkunu saru x-xogholijiet u hija firma li tindika li ahna gejna awtorizzati nesegwixxu appuntu x-xogholijiet hemmek msemmija*”.

Gie spjegat lit-Tribunal – u dwar dan ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni – illi l-vettura nxtrat gdida pero` bi prezz ridott u b’sitt xhur garanzija fuq il-magna kif jirrizulta mill-kuntratt tal-bejgh (Dok VS1) li f’para 7 tieghu jghid : “*the engine of the vehicle is covered by a warranty for six months from the date of delivery of the car, in respect of defective material or workmanship in the engine only, which the seller undertakes, at its discretion to repair or replace free of charge*”.

Ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni illi fattwalment il-hsara fil-vettura kienet fil-*gear box* u **mhux** fil-magna. Ma’ dan l-istat ta’ fatt jirrizulta mill-atti u mill-provi kollha mressqa illi hemm qbil bejn iz-zewg kontendenti.

Arthur Naudi Manche` (24.11.06) – prodott mis-socjeta` attrici u *Service Manager* ma’ l-istess socjeta` attrici, jispjega illi l-gearbox ma’ tifformax parti mill-magna – l-magna u l-gearbox huma fizikament zewg strutturi separati fil-vettura imma jehlu flimkien.

Jghid wkoll illi l-problema fil-vettura tal-konvenut kienet fil-gearbox, fis-second gear, is-synchronizer tas-second gear, il-hub, furkette u l-affartijiet relatati mas-second gear.

Emanuel Micallef prodott mis-socjeta` attrici (20.04.07) – jghid illi "*l-unika ftehim li ntlahaq kien illi naqilghu l-gear box u naraw xi hsara ghandha, biex tohrog stima ta' l-ispejjes li kien hemm involuti u konna ftehmna wkoll illi meta naqilghuha ncemplu lill-konvenut biex jigi jaraha. L-istima tax-xogholijiet saret wara li nqala` l-gearbox*".

Jghid wkoll illi hu nsista illi x-xoghol ma setghax isir b'xejn "*imbaghad kien accetta illi l-gear box tinqala` u jsir ix-xoghol fuqha. Jiena nista` nikkonferma illi tana l-go ahead biex inkunu nistghu nkomplu*".

Il-konvenut Nazzareno Cassar xehed (26.09.07) illi gimgha biss wara li xtara l-vettura kellhu hoss fil-gear box, u appena kellem lis-socjeta` attrici "*mill-ewwel nformawni illi ………….. ma kinitx koperta bil-garanzija*". Jghid illi dam madwar xahar jaghmel uzu minnha, u meta l-hsara aggravat kellem lis-socjeta` attrici "*u nfurmawni li jekk ridt insewwi jien stajt naghmel dan mbasta li kont inhallas ghall-hsarat*".

Il-konvenut jghid illi kien mar jigbor stima tax-xogholijiet u li kien ntlahaq ftehim illi l-*gear box* jinfetah ghand il-UCIM li kellhom isejhulu sabiex ikun prezenti.

Jispjega illi meta sabu l-gear box mittiekel, hu fehem illi l-hsara kellha taghmel tajjeb ghaliha l-kumpanija, li minn naha taghha pero` kellha opinjoni diversa.

Jispjega` illi filwaqt illi d-Dipartiment tal-Konsumatur avzah illi kellu jhallas under protest, hu "*wara li ppruvajtha, jiena pparkjajt quddiem l-ufficini tal-kumpanija attrici, u bic-cavetta f'idejja gharrafthom illi ma kontx bi hsiebni inhallas sakemm nkellem lill-General Manager*". F'laqgha li kellu l-ghada mal-General Manager, il-konvenut jghid "*accettajt li nhallas sakemm inkun qed inhallas under protest*". Fil-frattemp il-vettura kienet f'idejn il-konvenut.

In kontro-ezami l-konvenut jghid (14.01.08) illi jaqbel "*illi l-gear box ma' jiffurmax parti mill-magna in kwantu illi l-magna hija estiza sal-clutch*".

Jghid illi pero` huwa ma jippretendix illi jhallas ghax "*ma ppretendejtx illi wara xahar ikolli din il-problema ta' din in-natura*".

Jghid wkoll illi a bazi tad-difett li jallega li kellha l-vettura, ma avvanza ebda procedura legali peress illi ma hallasx - b'dan pero` illi jghid wkoll illi "*l-garanzija kummercjali, jigifieri l-garanzija li offrietli l-kumpanija ma' kinitx tkopri l-gear box*".

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi minn dan kollu jirrizulta illi hemm qbil bejn il-kontendenti illi l-hsara li kellha l-vettura ma' kinitx koperta bil-garanzija offruta mis-socjeta` attrici fuq il-bejgh tal-vettura, ai termini tal-paragrafu 7 tal-kuntratt ta' bejgh.

Illi l-garanzija miftehma hija espressa f'para 7 tal-ftehim tal-bejgh, li tghid espressament illi "*the engine of the vehicle is covered by a warranty of 6 months from date of delivery, in respect of defective material or workmanship in the engine only, which the seller undertakes, at its discretion to repair or replace free of charge*".

Dak dwar il-magna <u>biss</u> tal-vettura mibjugha. Dwar il-bqija tal-komponenti tal-vettura ma' jinghad xejn fil-ftehim imsemmi.

Filwaqt illi l-Artikolu 1410 tal-Kodici Civili jiddisponi illi l-partijiet jistghu jiftehmu li l-bejjiegh ma' ghandu jkun soggett ghall-ebda garanzija, din ghandha tkun espressa u mhux prezunta. Ghalhekk eskluza l-magna mill-garanzija kif espress, tibqa` l-garanzija legali fuq il-bqija tal-vettura.

Il-partijiet jaqblu illi l-hsara ma' kinitx fil-magna – u allura tkopri l-garanzija legali. Dan anke fid-dawl tad-disposizzjoni tal-ligi kif espressa fl-Artikolu 1426 tal-Kap 16.

It-Tribunal iqis important il-fatt li irrizulta meta l-konvenut xehed illi l-mekkanik ta' l-istess socejta` attrici lilu qallu illi

l-hsara kienet “*rizultat ta’ l-uzu*”. Filwaqt illi jinghad illi dan l-istatement la gie kkonfermat mis-socjeta` attrici u lanqas kontradett, it-Tribunal lanqas ma hatar xi espert in materja sabiex jkun apprezzat ahjar l-aspett tekniku tal-kwistjoni. Dan ma sarx pero` – fl-ewwel lok ghaliex ma’ rrizultax illi l-gearbox l-antika (jew il-parts minnha bi hsara) ghandhom jezistu u fit-tieni lok peress illi hemm fatti u konsiderazzjonijiet ohra illi jwasslu lit-Tribunal, kif ser jigi hawn that msemmi, illi jiddeciedi kif ihoss hu, b’ekwita` u b’gustizzja kif trid il-ligi.

Filwaqt illi l-konvenut jghid biss illi dan ma’ stenniehx peress illi kien ilu juza l-vettura ghal ftit zmien biss, it-Tribunal iqis illi minn dan jirrizulta illi d-difett ma kienx wiehed mohbi mal-bejgh tal-vettura. Izda it-Tribunal iqis ukoll illi l-problema fil-gear box, jirrizulta mill-provi, illi harget bejn xahar u erba` xhur mill-bejgh tal-vettura.

Bl-affermazzjoni ghalhekk tal-konvenut stess illi “*l-gear box ma jiffurmax parti mill-magna*”, l-ewwel eccezzjoni fir-risposta tieghu stess bilfors trid tigi respinta – in kwantu illi l-garanzija kummercjali offerta bil-kuntratt ta’ bejgh ma tkoprix hsara fuq il-*gearbox*, imma biss fuq il-magna.

U fin-nuqqas ta’ eskluzjoni kif hawn fuq jinghad ta’ kwalisasi garanzija ohra, il-venditur fuq dan il-bejgh, u allura s-socjeta` attrici, offriet il-garanzija legali fuq il-bqija tal-komponenti tal-vettura, inkluz u mhux eskluz, il-*gearbox*.

Filwaqt illi kif diversi drabi anke gie sostnut anke minn Qrati Superjuri illi – *fl-ambitu ta’ difett mohbi, xejn ma jimporta illi l-vizzju jista` jigi riparat, dak li jimporta hu esklussivament l-istat u l-kondizzjoni tal-haga fil-mument meta din tghaddi ghar-riskju u perikolu tal-kompratur*[1] - b’dana kollu l-Artikolu 60 tal-KAP 378 tal-Ligijiet ta’ Malta (l-Att dwar Affarijiet tal-Konsumatur) ighid car illi prodott jitqies difettuz jekk dan jonqos milli jipprovdi dik is-sigurezza li l-persuna jkollha jedd li tistenna minnu fic-

[1] Qorti Civili ta’ l-Appell (Sede Infrjuri) – 23.11.2005 (PS) Joseph Ellul et vs Noel Gauc et

cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-uzu li jista` ragonevolment ikun mistenni mill-prodott.

Illi mill-provi kollha prodotti jidher mhux kontestat il-kliem tal-mekkanik ta’ l-istess socjeta` attrici li l-gearbox zviluppa hsara bl-uzu, ma jirrizultax illi kien hemm uzu hazin (jew mhux ragjonevoli – kif trid il-ligi) tal-gearbox da parti tal-konsumatur konvenut, u fuq kollox din il-hsara tfaccat bejn xahar u hames xhur (l-aktar) mix-xiri tal-vettura.

Zgur illi hadd ma ghandu jippretendi illi jixtri vettura gdida u wara xahar jew erba` xhur ikollu hsara bl-uzu fil-gearbox, u dan sakemm ma jigix pprivat illi kien sar uzu hazin u irragjonevoli tal-gearbox. Filwaqt illi kulhadd jirrikonoxxi illi affarijiet mekkanici jista` jizviluppalhom hsara, sakemm ma jkunx ppruvat uzu hazin minn tali oggett u sakemm il-hsara tkun ferm vicin id-data tax-xiri, allura l-venditur ghandu jara illi jaghmel tajjeb ai termini ta’ l-Artikolu hawn fuq citat.

It-Tribunal ihoss illi huwa normali illi persuna tmur ghal xiri ta’ vettura gdida u mhux *second hand* propju sabiex tassikura illi tghaddi l-ewwel numru ta’ xhur jekk mhux snin minghajr problemi fil-vettura – u din hija aspettazzjoni legittima[2] li ghandha tigi salvagwardata fis-socjeta` taghna u fl-ambitu tan-negozju. Dan sakemm ma jkunx jista` l-venditur jipprova uzu hazin jew mhux ragjonevoli mill-haga minnhu mibjugha – haga li hawnekk ma saritx.

U dan kollu qed jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-hsara sofferta mill-vettura tal-konvenut saret entro l-massimu ta’ hames xhur mid-data tal-bejgh. Dan ukoll jidher fatt mhux kkontestat.

L-Artikolu 75 tal-Kap 378 jistipula espressament illi f’kaz illi l-bejjiegh irid jaghmel tajjeb ghal diffett fl-oggett minnhu mibjugh, allura sakemm ma jkunx impossibbli jew sproporzjonat, il-kummercjant ghandu jsewwi l-oggett jew inkella jirrimpjazzah, f’kull jaz bla ebda hlas.

---

[2] legitimate expectation

Illi f'dan il-kaz la kien impossibbli u lanqas ma jista` jinghad illi kien sproporzjonat mal-bejgh tal-vettura illi l-*gearbox* jigi rrangat kif effettivament sar. Il-fatt illi l-job card giet iffirmata u saru x-xogholijiet lanqas ma ghandu jfisser illi l-konvenut ikkonsenta illi x-xogholijiet isiru bi hlas ghalih. Billi ffirma il-job card it-Tribunal ma jqisx illi gew b'xi mod ippregudikati d-drittijiet lilu moghtija bil-ligi kif hawn fuq msemmi u lanqas ma jqis illi b'xi mod il-konvenut irrinunzja ghal xi drittijiet. Anke l-provi prodotti u l-versjonijiet moghtija ma' jistghux iwasslu lit-Tribunal ghall-konkluzjoni diversa minn din.

U fid-dawl ta' din id-disposizzjoni tal-ligi u ohrajn kkwotati aktar il-fuq, u fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal ihoss ekwu u giust illi jakkolja it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut.

Ghaldaqstant, wara li qies il-provi kollha prodotti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes li ghandhom jigu sapportati mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------